

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-istqarrijiet ta' remunerazzjoni RG 2009 tar-rikorrenti, l-istqarrijiet ta' remunerazzjoni tagħhom ta' Jannar 2010 u l-istqarrijiet ta' remunerazzjoni sussegwenti, sa fejn dawn l-istqarrijiet japplikaw rata ta' aġġustament ta' 1.85 %, filwaqt li jżommu fis-seħħ l-effetti ta' dawn l-istqarrijiet sakemm jiġu adottati stqarrijiet ġoddha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2010 — Carpenito vs Il-Kunsill

(Kawża F-94/10)

(2011/C 13/81)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Renzo Carpenito (Overijse, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

Talba sabiex jinżammu l-effetti tal-istqarrijiet ta' remunerazzjoni kkontestati sal-addozzjoni ta' regolament li jissostitwixxi, b'effett retroattiv, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009, u sabiex jingħata rimedju għad-dannu finanzjarju u morali subit mir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- iżżomm l-effetti tal-istqarrijiet tar-remunerazzjonijiet ikkon-testati sal-addozzjoni ta' regolament li jissostitwixxi, b'effett retroattiv, ir-Regolament Nru 1296/2009;
- tikkundanna lill-Kunsill sabiex jirrimedja d-dannu finanzjarju subit mir-rikorrent permezz tal-ħlas ta' somma li l-ammont tagħha tkun ekwivalenti għat-telf ta' remunerazzjoni li jirriżulta mill-applikazzjoni manifestament illegali tar-Regolament Nru 1296/2009, ma liema ammont għandu jiżidied ir-rimbors tal-parti tas-sisa speċjali applikata kull xahar sa minn Jannar 2010 skont l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal u li r-rata tagħha ġiet iffissata b'mod żabaljat fid-dawl ta' dan ir-regolament; dan l-ammont huwa evalwat, bla ħsara għall-interpretazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, għal bejn EUR 40 000 u EUR 50 000, minbarra l-interessi minħabba dewmien li barra minn hekk qed jintalbu mir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill sabiex jirrimedja d-dannu morali subit mir-rikorrent permezz tal-ħlas ta' EUR 1 simbolika;

- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2010 — Kerstens vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-97/10)

(2011/C 13/82)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Talba sabiex jinżammu l-effetti tal-istqarrijiet ta' remunerazzjoni kkontestati sal-addozzjoni ta' regolament li jissostitwixxi, b'effett retroattiv, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009, u sabiex jingħata rimedju għad-dannu finanzjarju u morali subit mir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- iżżomm l-effetti tal-istqarrijiet tar-remunerazzjonijiet ikkon-testati sal-addozzjoni ta' regolament li jissostitwixxi, b'effett retroattiv, ir-Regolament Nru 1296/2009;
- tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tirrimedja d-dannu finanzjarju subit mir-rikorrent permezz tal-ħlas ta' somma li l-ammont tagħha tkun ekwivalenti għat-telf ta' remunerazzjoni li jirriżulta mill-applikazzjoni manifestament illegali tar-Regolament Nru 1296/2009, ma liema ammont għandu jiżidied ir-rimbors tal-parti tas-sisa speċjali applikata kull xahar sa minn Jannar 2010 skont l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal u li r-rata tagħha ġiet iffissata b'mod żabaljat fid-dawl ta' dan ir-regolament; dan l-ammont huwa evalwat, bla ħsara għall-interpretazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, għal bejn EUR 40 000 u EUR 50 000, minbarra l-interessi minħabba dewmien li barra minn hekk qed jintalbu mir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex jirrimedja d-dannu morali subit mir-rikorrent permezz tal-ħlas ta' EUR 1 simbolika;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.